Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,923, 14 ta' Settembru, 2022
Taqsima B

A.L. 228 tal-2022

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq l-Income (Rata ta' Mgħax)

BIS-SAĦĦA tas-setgħet mogħtija bl-artikolu 58 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq l-Income (Rata ta' Mgħax) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar it-Taxxa fuq l-Income (Rata ta' Mgħax), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regoli prinċipali".

L.S. 372.28.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2022.

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. It-tieni proviso għar-regola 2 tar-regoli prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta d-data sa meta t-taxxa għandha titħallas skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti dwar it-Taxxa tkun il-31 ta' Awwissu 2022 jew data aktar tard, l-imgħax għandu jitħallas bir-rata ta' żero punt sitta fil-mija (0.6%) għal kull xahar jew parti minnu li matulu t-taxxa tibqa' mhux imħallsa u l-imgħax totali ma għandux jeċċedi l-ammont tat-taxxa msemmija.".